**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 7**

**It-Tlieta, 17 ta' Marzu 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3:42p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 6 li saret fl-10 ta' Marzu 2026, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat fetaħ il-laqgħa billi stieden lis-Sur Ivan Filletti, Chairperson ta' Gaming Malta kif ukoll lis-Sinj. Kinga Warda, Chief Officer Policy and International Affairs fi ħdan l-istess Awtorità sabiex jagħtu l-preżentazzjoni tagħhom

**PREŻENTAZZJONI MINN GAMING MALTA**

Is-Sinj. Kinga Warda bdiet l-ispjega tagħha dwar kif l-Intelliġenza Artifiċjali qed tgħin fl-industrija tal-Gaming. Tat informazzjoni dwar kif qed tintuża biex jiddentifikaw swieq ġodda kif ukoll l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-identifikazzjoni ta' trends jew problemi li jistgħu jkunu qed jesperjenza persuni li qed jilagħbu. Wara l-preżentazzjoni tagħha, saru xi mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

Is-Sur Ivan Filletti kompla bil-preżentazzjoni fejn semma liema kumpaniji qed jinvestu fis-settur tal-Gaming f'Malta kif ukoll f'liema swieq u eżebizzjonijiet qed tattendi Malta biex tkompli tkun mutur għal dan is-settur. Wara l-preżentazzjoni, saru aktar mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

Wara l-preżentazzjonijiet tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kumitat:

Dok 16: Preżentazzjoni mis-Sinj Kinga Warda dwar AI in Gaming Sector
Dok 17: Preżentazzjoni mis-Sur Ivan Filletti dwar Gaming Malta

**AFFARIJIET OĦRA**

L-Onor. Ray Abela semma li l-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej għadda żewġ proposti lil dan il-kumitat biex ikunu jistgħu jiġu diskussi:

• COM (2025) 836 : Proposal for a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL amending Regulations (EU) 2024/1689 and (EU) 2018/1139 as regards the simplification of the implementation of harmonised rules on artificial intelligence (Digital Omnibus on AI), u
• COM (2025) 837: Proposal for a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL amending Regulations (EU) 2016/679, (EU) 2018/1724, (EU) 2018/1725, (EU) 2023/2854 and Directives 2002/58/EC, (EU) 2022/2555 and (EU) 2022/2557 as regards the simplification of the digital legislative framework, and repealing Regulations (EU) 2018/1807, (EU) 2019/1150, (EU) 2022/868, and Directive (EU) 2019/1024 (Digital Omnibus).

Il-President tal-Kumitat semma wkoll li fil-laqgħa li jmiss, il-kumitat kien se jkollu quddiemu l-MDIA, l-IDPC u l-Kamra tal-Avukati biex jiddiskutu l-EU AI ACT kif ukoll National AI Governce u qal li jekk ikun hemm qbil, dawn il-proposti jintbagħtu biex b'hekk jiġu integrati dawn il-proposti fid-diskussjoni mal-entitajiet. Dwar dan kien hemm qbil mill-membri tal-kumitat.

L-Onor. Ray Abela tkellem ukoll kif wara laqgħa mas-Segretarju Permanenti Ewlieni, kif ukoll wara li tkellem mal-Ispeaker, kien se jmexxi bil-proposta li kull Membru Parlamentari u kif ukoll staff tal-Parlament.

Fil-4:42pm il-kumitat eżawrixxa l-Aġenda li kellu quddiemu u aġġorna il-Kumitat għat-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026 fit-3:30pm fejn stieden persuni mill-MDIA, IDPC u mill-Kamra tal-Avukati biex ikunu jistgħu jagħmlu diskussjoni fuq il-materja li kien msemmi aktar qabel waqt il-laqgħa.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**